Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 202 / 2016**

Il-Pulizija

vs

**Janis Caruana**

Illum, 15 ta' Ottubru, 2019.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Janis Caruana, iben Alexander, imwieled Pieta' , fit-22 ta' Novembru, 1985 detentur tal-karta ta' l-identita' numru 577785 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fit-12 ta' Frar 2016, fi Triq it-Torri, Sliema u fi nhawi ohra f' dawn il-gzejjer;

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew kien xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b' xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll

Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f' tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2. Kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew kien xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b' xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Bhala persuna kkundannata u bhala prigunier iehor harab mill-habs jew mill-kustodja tal-persuna jew tal-persuni nkarigati mill-kustodja tieghu, dik ta' PS 778 u PC 127 u dan ai termini tal-artikolu 151 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Naqas milli jhares xi wahda u/jew iktar minn wahda, mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u cioe` mill-Magistrat Dr. Natasha Galea Sciberras LL.D. mid-digriet datat 15 ta' April 2015 u li permezz tieghu, huwa nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li ma jikkommettix reat iehor;

5. Kiser il-provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, permezz ta' sentenza datata 6 ta' Novembru 2015 mill-Magistrat Dr. J. Mifsud LL.D., liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

6. Sar recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b' sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Illi in oltre, il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, l-ammont stabbilit fil-helsien mill-arrest taht garanzija nhar is-16 ta' April 2015, ghandu jigi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta ai termini tal-artikolu 579 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-8 ta' April, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l- it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22 (1) (a) u 22 (2) (b) (i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 17(b) u (d), 49, 50, 151, 338 (dd) u 579 (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 23 tal-Kap. 446, fuq ammissjoni, sabet lill-imputat hati tal-ewwel, it-tielet, ir-raba' , il-hames u s-sitt imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu (b' dan illi kif inghad izjed il' fuq ma sabitx lill-imputat hati tal-addebitu tar-recidiva ai termini tal-Artikolu 289 tal-Kap. 9) u kkundannatu ghal piena ta' tmintax-il (18) xahar prigunerija effettiva – li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien illi l-hati inzamm taht arrest preventiv in konnessjoni biss mar-reati li qieghed hawn jinstab hati taghhom – u multa ta' disa' mija u hamsin Euro (€950) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14 (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hati b' rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar minn meta l-hati jiskonta l-piena ta' prigunerija erogata b' din is-sentenza u ghal dan il-ghan ir-Registratur ghandu jikkonferma din id-data mal-awtoritajiet karcerarji. B' dan illi kemm il-darba l-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Ai termini tal-Artikolu 579 (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' hamest elef, seba' mija u hamsin Euro (€5,750), rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta' seba' mija u hamsin Euro (€750), depozitu impost ghall-helsien mill-arrest tal-hati permezz tad-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), kif preseduta, tal-15 ta' April 2015 u in kwantu ghas-somma ta' hamest elef Euro (€5,000), bhala garanzija personali imposta permezz tal-

istess digriet u in oltre tirrevoka d-digriet tal-helsien mill-arrest moghti lill-hati mill-istess Qorti fil-15 ta' April 2015 kif inghad u tordna l-arrest mill-gdid tieghu.

Stante li din giet irtiratha mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kkundannat lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez tal-esperti mahtura f' dawn il-proceduri ossia s-somma ta' mija, tmienja u tmenin Euro u tmenin centezmu (€188.80), rapprezentanti spejjez konnessi mar-relazzjoni esebita mix-Xjenzat Godwin Sammut, liema spejjez ghandhom jithallsu mill-hati fi zmien sena mil-lum.

Ordnat r-rilaxx tas-somma ta' mitejn, tnejn u erbghin Euro u ghaxar centezmi (€242.10) esebita bhala Dokument JR1 u t-tliet *mobile phones*, *sim cards* u cappetta esebiti bhala Dokument JR2, favur il-hati, fil-waqt illi ordnat d-distruzzjoni tas-sustanza esebita bhala Dokument JR u l-bqija tal-esebiti formanti parti minn Dokument JR2, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Il-Qorti gibdet l-attenzjoni tad-Direttur tal-Habs illi l-hati ghandu jinghata l-kura u l-ghajnuna kollha necessarji sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga inkluz billi jinghata l-opportunita` li jsegwi programm ta' rijabilitazzjoni mill-istess vizzju.

Ordnat li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Habs.

Rat ir-rikors tal-appellanti Janis Caruana minnu pprezentat fl-20 ta' April, 2016 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza moghtija fl-ismijiet premessi nhar it-8 ta' April 2016 billi filwaqt illi tikkonfermaha f' dik il-parti fejn sabitu hati tal-akkuzi numri 1, 3, 4, 5 u 6, tikkonfermaha wkoll f' dik il-parti fejn illiberatu mill-akkuza numru 2, tvarjaha f' dik il-parti fejn ikkundannatu ghal terminu ta' tmintax-il xahar prigunerija u konsegwentement tipprovdi ghal piena aktar mita u idoneja.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe' :-

Illi mill-ewwel jinghad illi f' dan l-istadju tal-proceduri, tenut kont ukoll l-ammissjoni li ghamel l-imputat quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, ser ikun qieghed jillimita` ruhhu biss ghal sottomisjonijiet rigward il-piena u xejn aktar.

Illi f' dan l-isfond jinghad li l-Ewwel Qorti sabet lill-imputat hati, fuq l-ammissjoni tieghu stess, tal-pussess agravat tad-droga kokaina, talli harab mill-kustodja ta' membri tal-Korp tal-Pulizija, talli b' hekk kiser il-kondizzjonijiet elenkati fid-digriet tal-oghti tal-helsien mill-arrest datat nhar il-15 t' April 2015, talli b' ghemilu kif inghad kiser ordni ta' liberta kkondizzjonata moghtija lilu nhar is-6 ta' Novembru 2015 u talli sar recidiv.

Illi kif inghad fis-sentenza nniffisiha, sfortunatament l-esponent ta' eta zghira hafna inhakem mill-vizzju qerriedi tad-droga u qatta` l-parti l-kbira ta' hajtu jissielet ma din il-problema akuta li ghandu u li ghadu qieghed jikkumbatti.

Illi per sfortuna, sa llum il-gurnata u nonostante l-isforzi tieghu, llum huwa ghadu mahkum minn dan il-vizzju li b' ammissjoni tieghu stess, iggibu f' sitwazzjonijiet xejn pjacevoli ghalih innifsu.

Illi ghandu jinghad illi f' dan il-kaz l-esponent, galadarba gie arrestat u ttiehed l-isptar Mater Dei, sussegwentement hareg mill-istess sptar u mbaghad attenda gewwa l-ghassa tal-Pulizija. Minn hawnhekk tidher ir-rieda tieghu illi jikkoopera mal-Pulizija u din il-kooperazzjoni hija kkonfermata fejn jirrizulta mill-atti processwali illi l-ispettur inkarigat iddikjara l-istess.

Illi jirrizulta mis-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti nnifisha illi l-unika raguni li l-esponent ma kienx irregola ruhhu minnufih fil-prezenti proceduri kienet proprju t-tieni imputazzjoni, u cioe l-akkuza tal-pussess semplici tad-droga herojina, akkuza li l-appellant ipprotesta sa mill-bidunett tal-proceduri, xi haga li inaghta ragun dwarha

appena x-xjenzat Godwin Sammutipprezenta r-relazzjoni tieghu dwar il-kontenut tas-sustanza misjuba fil-pussess tal-imputat.

Illi in oltre, kien proprju dan l-ispirtu illi wassal lill-ispettur sabiex jiddikjara konguntivament mad-difiza illi l-piena idoneja fic-cirkostanzi kienet dik ta' tnax-il xahar prigjunerija, u li kemm id-difiza u kif ukoll il-prosekuzzjoni kienu qieghdin jaqblu dwar dan.

Illi tenut kont dan kollu, id-difiza umilment tikkontendi illi kien ikun ferm aktar gust li l-appellant jinaghta piena li filwaqt li tkun konformi mad-disposizzjonijiet relevanti tal-ligi, tkun ukoll eqreb tal-minimu u eqreb tal-ftehim milhuq mill-prosekuzzjoni mad-difiza u cioe, piena ta' tnax-il xahar prigunerija.

Illi dan jinghad ukoll fl-isfond ta-fatt illi l-artikolu 579 (2) illi l-piena li ghandha tinaghta meta wiehed ikun akkuzat bil-ksur ta' kondizzjoni tal-helsien mill-arrest jehel il-piena ta' multa, habs, jew it-tnejn flimkien u ghalhekk, kien ikun bil-wisq aktar gust li kieku l-Ewwel Qorti tat aktar piz lil ftehim li ntlahaq bejn il-prosekuzzjoni u d-difiza u li se mai, ma tikkundannax lill-appellant ghal piena ta' habs ghal dak li ghandu x' jaqsam mal-akkuza numru 4.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.
Rat dak li gie verbalizzat quddiem din il-Qorti diversament rpeseduta nhar is-27 ta' Frar 2018 fejn Dr Arthur Azzopardi ghall-appellant talab li a bazi tal-artikolu 8 tal kapitolu 537 tal-ligijeit ta' Malta tikkonverti ruhha fi Drug Court fejn f'dik l-istess seduta kien indika bhala xhieda tieghu in sostern tat-talba tieghu lil Dr Moses Camilleri u fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2018 kien indika bhala xhud lil rappresentant tas CCF biex jghati lista tal perijodu kollu li l-appellant ghamel mizmum fl-istess facilita korrettia u kif ukoll sabeix jinformaw lil Qorti x'tip ta sentenzi kienu jigu

somministrati lilu kif ukoll bie xjinforma lil Qorti bir-rizultati tat-testijiet tal awrina ta l-istess appellant matul l-ahhar sena.

Rat ix-xhieda ta' **Dr Moses Camilleri** moghtija quddiem din l-istess Qorti diversament preseduta nhar is-16 ta Mejju 2018 ( fol. 129) . Dan stqarr li huw tabib u jahdem ma l-agenzija Sedqa u x-xghol tieghu bazikament jaghmlu fid Detox Centrew gewwa l-Isptar San Luqa. Jghid li l-appellant jafu fil-kuntest ta meta mar jitlob l-ghajnuna minhabba probelna ta uzu ta sustanzi fis-sena 2007. U minn dakinhar sa Diembru 2017 kien ikun it-tabib li kien jarah meta l-appellant kien imur fid Detox Centre jitlob l-ghajnuna. Ghalkemm jghid ukoll li kienhem mxi zmien meta bejn 2010 u 2015 ma kienx jattendi.
Ikkonferma li l-appellant kellu problema ta abbuz tada droga Eroina u Kokaina . Huwa kien bdih bir-repalcement therapy bis-sustanza mgharufa bhala Methadone . B'hekk inaqsu l-cravings , il-bzonn tat-tehid tad-droga, l-ugiegh fiziku li wihed jsita' jhoss jekk jagheml tentattiv i ma jkomlix juza is-sustanza Eroina. Hafna drabi din tghin l-individwu ghaliex la darba jkun hemm kontroll tal-aptit u tal-ugiegh i wiehed jsita jhoss jekk ma juzax din is-sustanza, jkollu l-possibilta illi l-energija tieghu jew taghha, l-persuna tibda tindirizzaha fir-riabilitazzjoni mill-problema ta droga Pero stqarr li met aikun hemm il-problema ta sustanza ta uzu ta kokaina, r-rizorsi u l-kura li jsitghu joffru hija daqxejn aktr limtiata ghaliex ma hemmx replacement therapy bhala ma hemm fil-kaz ta dipendenza tad-droga Eroina. Pero f'dak il-kaz ikun hemm talk therapy , ghalkemm xi kultant juzaw medici ukoll izdamhumiex diretti lejn l uzu tad droga Kokaina izda jekk per esempju dak li jkun jaqbdu depression allura jindirizzaw dak. Meta dak li jkun ma jkunx jist ajikkontrolla l uzu tas-sustanzi allura jghamlu rakomandazzjonili jagheml programm ta residenza sabiex jirribilitaw ruhhom.
Fil-kaz tal-appellant jghid li ma keinx konsistenti fiz zamma tal appuntamenti mat-tabib u ghalhekk il-follow up kien ikun disrupted . Il-Methadone il-pazjent irid jigi ghaliha kuljum l id Detox Centre u jekk ma jmurx ghliha jifhem li dak li jkun ikun qed juza affarijeit ohra.
Ikkonferma li kien hemm erba' tntttivi fejn l-appellant beda jghamel xi haga, intervent fuq bazi residenzjali pero fl-erbgha li huma waqaf qabel il-waqt. Qal li l-problema li kellu l-appellant kient qahda gravi.

Spjega li l-ahhar darba li kien rah kien fis-16 ta Mejju 2018 fejn kienu qed jghamlu pjanijiet beix jidhol fi progrramm ghal kura residenzjali u dan ghaliex ma tantx kienu qed jaraw li kien hemm progress min naha tieghu.
In kontro esami jghid li meta kien jara lill0appellant id Detox kien jarah xi tlet darbeit fil-gimgha izda progress ma tantx kien ajra Qal li rah bejn is-snin 2007 u 2009 meta is sitwazzjoni kient qed tiddeterjora u dan ghaleix mhux biss kienipejjep id droga Eroina izda kien beda jittaqqab ukoll. Records m ghandux ta dak iz-zmien. Dak iz zmienkien ghadu kemm hareg mill-habs xi sitt gimght u kien jidher illi kien ghadu dependenti fuq id-droga. Pero jekk kienx hemm dependenza meta kien il-habs ma jistax jghid. Jaf pero li meta mar quddiemu kien rega beda imiss is-sustanzi u ghalhekk kellu bzonn l-ghajnuna.

Semghet ix-xhieda ta' **Helenio Galea** moghtija nhar is-7 ta Mejju 2019, u spejga li l-appellant qed jiskonta hames sentenzi ta habs u d-data tar-rilaxx tieghu hija Awwissu 2022 f'Santa Marija. Qal li huma qed jiehdu l=urine tests tal-appellant b'mod regolari u ta sikwit . L_ahahr darba li l-urine keinpositiv ghad droga kien f Gunju 2018 u fit-3 ta April 2019 waqt li kein qed jaghmel programm isntab posittiv ghall alkohol.u kien ghalhekk il twaqqaf mill-programmu intbaghat gewwa division sitta u illum il-gurnata rega qiegehd fid-division erbgha.

Spjega li l-programm li kien qe d jghamel kein qiehed intern tal habs ghaleix kemm is Sedqa kif ukoll il Varitas kienu mimlija u ma kellhomx bizzejjed postijiet u ghalhekk kienu qed jghamlu l-ewwel fazi biex jippreparawhom .

L-appellant beda dan il-programm u kien mixi tajjeb hafna u wara sabulu ukoll xoghol fil komunita u kien johrog barra beix jahdem pero darba minnhom dahal daqxejn xurban u dan irrizulta mill breathyliser u baqa' sejjer dritt fid division sitta sabeix jiftah ghajnejh ghal dak li kien ghamel . F'din id divisjoni dam ghaxart ijiem u wara intbaghata fid divisirion erbgha fejn rega inghata il privileggi li kellu qabel. Ikkonferma li kien ilu il habs sa minn Jannar 2018.

Meta dahal il-habs ghall-ewwel kien naqra imqareb u donnu ma qaghadx u imbaghad beda jgharaf li qiegehd il habs u induna li kellu x'jirbah u mar division sebgha u ghamel il-programm li kellu bzonn.

Semghet lill-partijiet jittrattaw din it-talba dwar il -konvverzjoni ghal drug court u dan fis-seduta tas-26 ta Settembru 2019.

Ikkunsidrat,

Illi dan hu digriet li ser jinghata dwar jekk l-artikolu 8 tal-kapitolu 537 tal-ligijiet ta' Malta japplikax ghal kaz in desamina.

Din il-Qorti ghalhekk ezaminat dak li jipprovdi l-artikolu 8 (1) ai fini tat-talba tal-appellanti lijipprovdi s-segwenti:-

> 8.(1) *Meta l-persuna akkużata hija mixlija b'reat kontra l-liġijiet dwar id-droga fir-rigward ta' kwantità ta' droga projbita li,irrispettivament mit-tip tad-droga jew mill-purità ma taqbiżx il-kwantità ta' droga elenkata fil-Linji Gwida li jinsabu fir-Raba'Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew fir-Raba'Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha bħala kwantità ta' droga li tindika lil-persuna akkużata m'għandhiex tiġi riferita għal procedure quddiem il-Qorti Kriminali, jew hi akkużata bit-twettiq ta' xi reat li għalih hemm piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija , u l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti, il-Qorti tista', wara li tisma' s-sottomissjonijiet magħmula f'isem il-persuna akkużata u f'isem il-prosekuzzjoni u wara li tisma' kull xhud li l-Qorti tqis bħala neċessarju li jinstema' , toħroġ digriet li permezz tiegħu l-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.*

Illi ghalhekk jidher car li sabiex dak li jkun jista jghamel talba ghal tali talba quddiem din il-Qorti u cioe sabiex tikkonverti ruha fi Qorti ta' Droga iridu jigu sodisftti b'mod preliminari zewg rekwiziti u cioe:_

1. Ir-reat li jkun akkuzat bih ma jistax ikollu piena li teccedi seba' snin priġunerija u f'kaz li din il-kondizzjoni hija sodisfatta jibqa' t- tieni kundizzjoni u cioe

2. Li l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti.

Il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti għall-finijiet tas-subartikolu (1) huma dawn li ġejjin:
(a) li r-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga jew kontra kull liġi oħra li bih il-persuna akkużata hi mixlija hu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvata fuq id-droga tal-akkużat;
(b) li r-reat kontra xi liġi oħra li mhix il-liġijiet dwar id-droga li bih il-persuna akkużata hi mixlija ma jikkonsistix **f'reat volontarju kontra l-persuna**[1] jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienet fil-pussess ta' armi regulari jew bl-użu ta' nar jew splussiv;
(ċ) li hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x'aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga

Illi pero din il-Qorti ma tistax tara jekk l-kundizzjonijiet imsemmija fis-sub inciz (2) humiex sodisfatti qabel ma taccerta ruhha li l-piena ghar-reati adadebtati fil-konfront tal-appellanti ma tecceddix is-sebgha snin prigunerija, li f'dan il-kaz ma jidhirx li hija il-kwistjoni.

L-akkuzi in konnessjoni allegatament sehhew fi Frar 2016. Jidher li l-akkuzat instab hati talli kien fil-pusess tad-droga Eroina u Kokaina, talli harab mill-habs jew mill-kustodja ta' persuni inkarigati mill-kustodja tieghu waqt li kien prigunier, li kiser kundizzjoni tal-liberta provisorja moghti lilu f'kawza ohra mill-Qorti tal-Magistrati, talli ksier il-provedienti tal -kap 22 tal- kap 446 permezz ta' sentenza li inghatat fis-6 ta' Novembru 2015 u tali hu recidiv

[1] Enfasi ta din il-Qorti

Jidher mix-xhieda ta Dr Moses Camilleri li l-akkuzat kien ilu bil-problema ta' abbuz ta' droga sa mis-sena 2007 u sas-sena 2017 kien it-tabib kuranti tieghu gewwa id-Detox u ghalhekk ma hemmx dubbju li fiz-zmien meta allegatament gew kommessi ir-reati in kwistjoni l-appellant kien gja mahkum bil-vizzju mishud ta' abbuz ta' droga. Ma jidhirx jew almenu ma jirrizultax li meta l-appellant allegatament ikkometta ir-reati in kwisjtoni li huma ta' natura volontarja huwa kien fil-pussess ta' armi regulari u ma giex allegat li r-reati gew kommessi bl-użu ta' nar jew splussiv.

Illi pero kif ssottolinea l-Avukat Generali jidher fil-fehma tieghu li hemm ostakolu u cioe dak previst fis sub inciz 2 (b) tal-artikolu 8 u dan ghaliex l-Ordni ta' Probation li allegatament kiser l-appellant inghatat wara li kien instab hati b'sentenza li inghatat fis-6 ta Novembru 2015 meta kien ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq persuna u cioe Dr Godfrey Baldacchini li kien inkarigat minn servizz pubbliku.

Il-Qorti ezamnat is-sentenza li giet appellata u cioe dik li giet moghtija nhar it-8 ta April 2016 u jirrizulta li dwar din l-akkuza u cioe naxxenti mill-artikolu 95 tal kodici kriminali jidher li dik il-Qorti ma trattatx mieghu izda trattat mieghu biss fuq dik il-parti kontravenzjonali taghha ta' ksur ta' paci pubblika u ghalhekk din l-akkuza ma tistax illum titqies bhal ostakolu taht is- sub artikolu 2 tal -artikolu 7 tal- kap 537.

Illi mix-xhieda ta' **Helenio Galea** rappresentant tal habs jidher li l-appellant li ghad fadallu iktar minn tlett snin residenti il-habs jiskonta sentenzi gja kundannat ghalihom, irregistra certu progress tant li fiz-zmein li kien ilu il habs u cioe minn Jannar 2018, ghoxrin xaghar huwa instab posittiv ghad droga f'okkazjoni wahda u dan kien fit-2 ta' Gunju, 2018. Ghalhekk jinghad li jidher li l-appellant qed jghamel sforz genwin sabiex jindirizza il-problema tieghu ta' abbuz.

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat u kellu din il-problema serju hafna u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita sabiex vittmi ta' droga jfiequ minn dan il-vizzju.

Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha ried tassew u genwinament johrog minn dan il-problema u min wera rieda tajba w affidabilita u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta.

Illi f'dan il-kaz il-Qorti temmen li l-isforz tal-appellant biex jindirizza il-problema ta' abbuz  huwa wiehed genwin.

Din il-Qorti ghalhekk tqis li l-kundizzjonijiet imsemmija fis-Subartikolu (2) huma sodisfatti, w ghalhekk issa wara li semghet is-sottomissjonijiet tal-avukat difensur f'isem il-persuna akkużata w lill-Avukat Generali  joggezzjona ghal tali talba ghaliex idejh kienu marbuta  w semghet ukoll kull xhieda li hija qieset li kien  neċessarju, thoss li ghandha tikkonsulta mal-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga, u ghalhekk tipprocedi sabiex tirreferi lill-persuna akkużata quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga sabiex jagħti dawk l-ordnijiet fir-rigward tal-persuna akkużata kif previst fl-Artikolu 6.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur